**MALTA**
**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 332/10VG**

**Suzanne Rossi u Claudia Dalli li jiggestixxu d-ditta "Modelle International" bhala organizzaturi tal-konkors "Miss World - Malta"**

**Vs**

**Leanne Manicolo**

**Illum 20 ta' Marzu 2018**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Suzanne Rossi u Claudia Dalli li jiggestixxu d-ditta "Modelle International" bhala organizzaturi tal-konkors "Miss World - Malta" fis-17 ta' Settembru 2010 permezz ta' liema jitolbu li Leanne Manicolo tigi kkundannata thallashom is-somma ta' sitt elef Euro (€6,000) rapprezentanti penali imposta bhala danni pre-likwidati a tenur tal-kuntratt datat 7 ta' Dicembru 2009 u minnha inkorsi stante li hija giet eskluza mill-konkors Miss World - Malta 2009 peress li naqset milli tattendi u tippartecipa ghall-attivitajiet li kellhom iwasslu ghal dan l-avveniment u konsegwentement naqset milli effettivament tippartecipa f'dan l-avveniment, u dan a tenur ta' l-istess kuntratt imsemmi, bl-imghax legali dekoribbli mid-data tal-prezentata tar-Rikors sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra Leanne Manicolo;

Rat ir-Risposta tal-konvenuta permezz ta' liema titlob li t-talba attrici tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-attrici Suzanne Rossi u Claudia Dalli, stante li hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt peress li hija ma ppartecipatx ghal ragunijiet validi skond il-Ligi li kienu jimpeduha milli tista' tkompli tippartecipa fl-istess konkors;

Rat ir-Risposta ulterjuri tal-konvenuta permezz ta' liema teccepixxi li l-kawza penali fil-kuntratt hija nulla u bla effett ghaliex tmur kontra l-Artikolu 990 tal-Kap.16 peress li hija projbita mill-Ligi fis-sens illi hadd ma jista' jkun Imhallef fil-kaz tieghu stess bhalma huwa f'dan il-kaz u, kuntrarju ghall-ordni pubbliku, peress illi hadd ma jista' jimponi fuq haddiehor illi jissosstitwixxi l-Qrati fid-determinazzjoni tal-vertenzi bejniethom u jekk, bhal f'dan il-kaz, tiskattax il-penali o meno u dan bi

ksur ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet ta' Bniedem;

Semghet ix-xhieda ta' l-attrici Suzanne Rossi[1] u Claudia Dalli[2] moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Dicembru 2010, rat is-sentenza fl-ismijiet "Suzanne Rossi et v. Lindsay Magri" Avviz Nru. 252/09 deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Jannar 2011, esebita mill-attrici permezz ta' Nota pprezentata fil-21 ta' Frar 2011 a fol. 15 sa' 25 tal-process u rat id-dokumenti, ossia Information Form relattiva ghall-konvenuta u l-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet kontendenti fis-7 ta' Dicembru 2009, markati Dok. "A' u Dok. "B", esebiti mill-attrici permezz ta' Nota pprezentata fl-1 ta' Marzu 2011 a fol. 26 sa' 37 tal-process, rat l-affidavit tal-konvenuta esebit minnha permezz ta' Nota pprezentata fis-16 ta' Mejju 2011 a fol. 39 sa' 41 tal-process u rat id-dokument, ossia certifikat mediku mahrug mit-Tabib Dr. Stephen Spiteri, esebit mill-konvenuta permezz ta' Nota pprezentata fil-5 ta' Dicembru 2011 a fol. 44 tal-process, semghet ix-xhieda tal-konvenuta moghtija waqt is-seduti tal-5 ta' Dicembru 2011[3] u tad-9 ta' Ottubru 2012[4] u x-xhieda tat-Tabib Dr. Stephen Spiteri moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Gunju 2012[5];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenuta a fol. 78 u 79 tal-process u rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-attrici a fol. 81 u 82 tal-process;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attrici bhala l-persuni li jiggestixxu d-ditta "Modelle International" *qua* Organizzaturi tal-konkors "Miss World - Malta" jitolbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallashom is-somma ta' €6,000, rapprezentanti penali imposta bhala danni pre-likwidati a tenur tal-kuntratt iffirmat bejniethom datat 7 ta' Dicembru 2009, minnha inkorsi peress li hija giet eskluza mill-konkors "Miss World - Malta" stante li naqset milli tattendi u tippartecipa ghall-attivitajiet li kellhom iwasslu ghal dan l-avveniment u konsegwentement naqset milli effettivament tippartecipa f'dan l-avveniment bi ksur ta' l-imsemmi kuntratt. Il-konvenuta tilqa' ghat-talba attrici bl-eccezzjoni fil-mertu li t-talba attrici ghandha tigi michuda in kwantu ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt peress li hija ma ippartecipatx ghal ragunijiet validi skond il-Ligi li kienu jimpeduha milli tista' tkompli tippartecipa fl-istess konkors u bl-eccezzjoni ulterjuri li l-kawza penali fil-kuntratt hija nulla u bla effett ghaliex tmur kontra l-Artikolu 990 tal-Kap.16 peress li hija projbita mill-Ligi fis-sens illi hadd ma jista' jkun Imhallef fil-kaz tieghu stess bhalma huwa f'dan il-kaz u, kuntrarju ghall-ordni pubbliku, peress illi hadd ma jista' jimponi fuq haddiehor illi jissosstitwixxi l-Qrati fid-determinazzjoni tal-vertenzi bejniethom u jekk, bhal f'dan il-kaz, tiskattax il-penali o meno u dan bi

[1] Fol. 11 u 12 tal-process.
[2] Fol. 13 tal-process.
[3] Fol. 46 tal-process.
[4] Fol. 56 sa' 63 tal-process.
[5] Fol. 51 sa' 54 tal-process.

ksur ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet ta' Bniedem.

Mill-provi prodotti jirrizulta li in forza ta' skrittura privata datata 7 ta' Dicembru 2009[6], il-konvenuta dahlet bhala partecipanta ghall-konkors Miss World - Malta for Miss World 2010 taht it-termini u kondizzjonijiet stipulati fl-imsemmija skrittura privata. Fost id-diversi kondizzjonijiet li l-konvenuta kienet obbligata tosserva u tonora kien hemm il-kondizzjoni: *to attend punctually all rehearsals, meetings and events which may be called by the organisers*. Din il-kondizzjoni kienet soggetta ghall-*proviso* li *should the participant be unable to attend any such meetings, rehearsals or events due to exceptional and unforeseen circumstances, she is to give the organisers twenty-four (24) hours notice in writing by means of a letter delivered by hand at Modelle International Flats 3, Alexander Flats, Sacred Heart Avenue, St. Julians or an e-mail sent to modelle@spikenet.net.mt and the said participant is to give an explanation in writing for her failure to attend such meeting, rehearsal or event should she be required to do so by the organisers*[7].

Xi zmien wara li ffirmat l-imsemmi ftehim, il-konvenuta nfurmat lill-attrici Suzanne Rossi li ma setghetx tkompli tattendi ghal u tippartecipa fl-attivitajiet li kienu se jinzammu ghall-fini tal-konkors peress illi kienet tqila. Bhala prova ta' dan il-konvenuta pprezentat certifikat mediku lill-attrici, li però ma qaghdux biss fuq dak ic-certifikat in kwantu mahrug minn General Practitioner u talbu lill-konvenuta tipproduci certifikat mediku mahrug minn Ginekologu. Fir-rigward l-attrici Suzanne Rossi ddikjarat illi *ghalkemm jiena tlabt ic-certifikat tal-gynaecologist, dan ic-certifikat ma ngab qatt. Il-kwistjoni fil-verità waqfet hemmhekk kompletament ghaliex il-konvenuta ma regghetx kelmitna. Jiena imbaghad kont tlabt lill-Avukat taghna biex jiktbilha u mill-gdid jerga' jaghtija n-notice. In-notice kienet fis-sens biex tkun tista' tipproduci c-certifikat minn gynaecologist* [8]. Sussegwentement l-attrici istitwew il-proceduri odjerni fil-konfront tal-konvenuta ghall-hlas tal-penali ta' €6,000 ai termini tal-ftehim milhuq bejniethom.

Il-klawsola li fuqha l-attrici jibbazaw it-talba taghhom fil-konfront tal-konvenuta hija l-Klawsola Nru. 6 ta' l-iskrittura privata li tipprovdi illi: *the Organisers reserve the right to exclude all participants who fail to adhere to the rules and regulations stipulated in Clause 5 supra* (inkluz ghalhekk il-kondizzjoni stipulata fil-paragrafu (a) ta' l-imsemmija klawsola ossia li l-partecipanti ghandhom jattendu *punctually all rehearsals, meetings and events which may be called by the organisers*) *or who in any way, by her declarations, conduct or demeanour in the run-up to the final night, brings the Organisers, the title or the contest into disrepute. The Organisers' decision shall be final and binding and the participant hereby expressly renounces to any right which she may have to contest the said decision in any court of law. In the event that the participant shall have no right to demand to be refunded with the sum paid by her by way of participation fee or to be reimbursed for any expenses which she may have incurred by way of her having applied to participate in the Miss World - Malta for Miss World, 2010 contest. Furthermore,*

[6] Dok. "B" a fol. 28 sa' 37 tal-process.
[7] Klawsola 5(a) a fol. 30 tal-process.
[8] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Dicembru 2010, fol. 11 u 12 tal-process.

*in the event that a participant is excluded from the contest prior to or during the final night of the contest by the Organisers for being in material breach of any of the conditions stipulated in the preceding Clause Five (5) of this Agreement, such participant shall be liable to pay the organisers a penalty in the sum of six Euros (€6,000) which penalty is being imposed by way of pre-liquidated damages and the participant hereby expressly renounces to any right which she may have at law to ask the Court for the cancellation or abatement of the said penalty*[9].

Huwa immedjatament evidenti li l-klawsola in kwistjoni hija klawsola penali li kif provdut fl-Artikolu 1118 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta: *il-klawsola penali hija dik li biha wiehed, sabiex jizgura l-esekuzzjoni ta' ftehim, jobbliga ruhu ghal xi haga fil-kaz li jonqos li jesegwih.* In-natura tal-klawsola penali tinsab ben definita u imfissra fis-sentenza fl-ismijiet **Vanguard Billiard Tables Ltd. v. Zurrieq Football Club, Appell Civili Nru. 322/03** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Gunju 2005, fejn dik il-Qorti appuntu osservat illi: *kif gie deciz guridikament "la clausola penale nel nostro diritto positivo, che ha seguito la ragione datone dal Codice Napoleone all' articolo 1229 e dal Codice Civile Italiano negli articoli 1209 e 1212, è una convenzione accessoria che serve di mezzo per rafforzare la obbligazione principale e rappresenta la valutazione convenzionale dei danni sofferti dal creditore per l'inadempimento o per la mora. Essa quindi riveste il triplice carattere di obbligazione accessoria, di mezzo coercitivo e di indennizzazione convenzionale" - Goffredo Chretien noe et v. John Ciancio, Appell Kummercjali 113 ta' April 1921 (Kollez. Vol. XXIV pI p1110). Kif ulterjorment spjegat "il-klawsola penali f'kuntratt hija klawsola li biha wiehed mill-kontraenti sabiex jassikura l-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni minnu assunta jobbliha ruhu ghal xi haga ghall-kaz li hu ma jezegwix l-obbligazzjoni li jkun assuma (Kollez. Vol. XLI pII p1108; "Direttur tal-Kummerc v. Marie Louise Gatt, Appell, 5 ta' Dicembru 1998). Minn dan jitnissel ghalhekk illi min jobbliga ruhu taht penali li josserva l-obbligazzjoni minnu assunta hu obbligat ihallas dik il-penali jekk hu ma jipprovax illi kien hemm xi raguni li tezentah minn dik il-penali (Kollez. Vol. XLIII pI p259).*

Ai termini ta' l-Artikolu 1121 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-persuna li tintrabat bl-obbligazzjoni bil-penali taqa' fil-penali: *(1) jekk l-obbligazzjoni tkun li wiehed m'ghandux jaghmel xi haga hu jaqa' fil-penali hekk kif jikser l-obbligazzjoni; (2) jekk l-obbligazzjoni ma setghetx tigi esegwita hlief f'certu zmien, id-debitur jaqa' fil-penali hekk kif jaghlaq dak iz-zmien, kemm-il darba fil-ftehim ma jkunx gie stabbilit zmien iehor; (3) f'kull kaz iehor, id-debitur jaqa' fil-penali meta jsir hati ta' dewmien, bhal ma jinghad fl-artikolu 1130.*

Ghalkemm il-principji enuncjati fl-Artikolu 1121 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jirregolaw il-kaz meta wiehed jaqa' fil-penali u ghalkemm konsiderazzjoni superficjali tal-kaz in ezami tista' twassal ghall-konkluzjoni li l-konvenuta hija passibbli ghall-hlas tal-penali lill-attrici a tenur tas-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi, minn konsiderazzjoni akkurata tal-Kalwsola 6 tal-ftehim datat 7 ta' Dicembru 2009, li hija l-klawsola penali li tirregola r-relazzjoni guridika bejn il-konvenuta u l-attrici, jirrizulta li bejn il-partijiet kontraenti ma kienx intiz li l-

[9] Fol. 31 u 32 tal-process.

konvenuta ssir passibbli ghall-hlas tal-penali unikament in bazi ghall-fatt li tonqos milli tattendi ghall-attivitajiet li jwasslu ghall-konkors ta' Miss World - Malta for Miss World 2010 u ghall-istess konkors.

Il-Klawsola in kwistjoni tipprovdi li *the Organisers* ***reserve*** ***<u>the right to exclude all participants</u>*** ***who fail to adhere to the rules and regulations stipulated in Clause 5 supra***[10] *... Furthermore,* ***<u>in the event that a participant is excluded from the contest prior to</u>***[11] *or during the final night of the contest by the Organisers for being in material breach of any of the conditions stipulated in the preceding Clause Five (5) of this Agreement,* ***<u>such participant shall be liable to pay the Organisers a penalty in the sum of six Euros (€6,000)</u>*** ***which penalty is being imposed by way of pre-liquidated damages and the participant hereby expressly renounces to any right which she may have at law to ask the Court for the cancellation or abatement of the said penalty***[12]**.**

Minn din il-klawsola jirrizulta evidenti li l-penali mifthema bejn l-attrici u l-konvenuta kellha tiskatta una volta li l-attrici *qua* Organizzaturi tal-konkors Miss World - Malta for Miss World 2010, **jeskluduha** mill-istess konkors minhabba vjolazzjoni tal-konidzzjonijiet stipulati fil-Klawsola 5 tal-ftheim. Fil-kaz in ezami ma irrizultax li l-Organizzaturi tal-konkors ipprocedew biex jeskludu lill-konvenuta mill-konkors wara li nfurmathom li ma setghetx tkompli tattendi ghall-attivatajiet konnessi ma' l-istess konkors ghaliex kienet tqila. Dan irrizulta ferm car mix-xhieda ta' l-attrici Suzanne Rossi, già iktar 'l fuq citata, fejn appuntu ddikjarat li *ghalkemm jiena tlabt certifikat tal-gynaecologist, dan ic-certifikat ma ngab qatt.* ***Il-kwistjoni fil-verità waqfet hemmhekk. Jiena imbaghad kont tlabt lill-avukat taghna biex jiktbilha u mill-gdid jerga' jaghtiha n-notice. In-notice kienet fis-sens biex tkun tista' tipproduci c-certifikat minn gynaecologist***[13]. Jirrizulta ghalhekk li ghalkemm l-attrici baqghu jinsistu ghal certifikat minn gynaecologist biex jikkonferma t-tqala tal-konvenuta, huma qatt ma ipprocedew biex effettivament jeskludu lill-istess konvenuta mill-konkors kif jipprovdi l-ftehim in kwistjoni bil-konsegwenza ghalhekk li l-penali prevista fl-Artikolu 6 tal-ftehim baqghet qatt ma skattat.

Il-Qorti tosserva li ghalkemm il-konvenuta ma ressqitx eccezzjoni formali fir-rigward ta' dan l-aspett partikolari in kwantu hija kkontestat it-talba attrici in bazi ghall-eccezzjoni li: (i) il-klawsola penali hija nulla; u (ii) fil-mertu, hija kellha raguni valida ghalfejn ma tattendix l-attivitajiet li nzammu bi preparazzjoni ghall-konkors Miss World - Malta for Miss World 2010, huwa principju ormai assodat li l-premessi attrici ghandhom jigu ppruvati anke fin-nuqqas ta' eccezzjoni formali. Din l-osservazzjoni ssib konferma fis-sentenza fl-ismijiet **Maria mart l-imsiefer Philip Debono et v. Av. Paolo Mercieca et, Appell Civili Nru. 73/58** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Jannar 2004, fejn dik il-Qorti osservat illi *ghalkemm l-ewwel Qorti setghet liberament tillimita ruhha ghal dak li gie*

[10] Enfasi u sottolinear tal-Qorti.
[11] Enfasi u sottolinear tal-Qorti.
[12] Enfasi u sottolinear tal-Qorti.
[13] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Dicembru 2010, fol. 11 u 12 tal-process.

*formalment eccepit mill-parti konvenuta u tiehu l-premessi attrici bhala konfermati in mankanza ta' opposizzjoni specifika dwarhom mill-parti avversa* (sitwazzjoni din li strettament mhux rispekjata fil-kaz in ezami in kwantu l-konvenuta issollevat eccezzjonijiet specifici), *fl-istess waqt* ***ma kien hemm xejn milli jipprekludiha li tkun ukoll sodisfatt li dak li ppremettiet l-attrici gie ppruvat u huwa legalment korrett. Ezercizzju tali jinkwadra ruhu fil-parametri ta' dak li jista' jaghmel gudikant qabel jasal ghall-gudizzju tieghu u ma jammontaw ghal holqien ta' eccezzjonijiet godda kif qeghda tallega l-appellanti***[14].

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk, fejn kjarament jirrizulta li l-attrici ma ghandhomx jedd u bazi legali fuq xiex isostnu l-azzjoni minnhom istitwita fil-konfront tal-konvenuta in kwantu huma qatt ma effettivament eskludew lill-istess konvenuta mill-konkors Miss World - Malta for Miss World 2010 kif provdut fil-Klawsola 6 tal-ftehim datat 7 ta' Dicembru 2009 u b'hekk ma skattatx il-penali hemm prevista, il-Qorti tqis li ma ghandhiex ghalfejn tidhol fil-kwistjonijiet sollevati mill-konvenuta fl-eccezzjonijiet taghha, sia dik originali kif ukoll dik ulterjuri.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, tichad t-talba attrici kif dedotta fil-konfront ta' l-istess konvenuta.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-attrici.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**

[14] Enfasi ta' din il-Qorti.